## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 8 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 951/00 AJD*

Lloyds (Malta) Limited ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jifformaw is-sindikati ta' Lloyds numru 980 u 218 li joperaw taht l-istess isem Ensign Motor Policies at Lloyds u Laferla Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess sindikati, kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat tagha Charles Gatt Baldacchino u l-istess Charles Gatt Baldacchino

vs

Francis Falzon

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Lulju, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230.00) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut fil-vettura assukarata mas-socjeta' attrici. Illi fil-15 ta' Settembru, 1999, filwaqt illi Mario Grech kien qieghed isuq il-karozza propjeta' ta' Charles Gatt Baldacchino bin-numru ta' registrazzjoni IAE 642 gewwa Triq Anton Muscat Fenech, Qormi, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura misjuqa mill-konvenut Francis Falzon bin-numru ta' registrazzjoni GAF 308, propjeta' ta' Emanuel Ellul. Illi dana l-incident sehh unikament minhabba negligenza fis-sewqan tal-konvenut u nuqqas milli thares ir-regolamenti tat-traffiku, liema nuqqasijiet wasslu sabiex sehh l-incident in kwistjoni. Illi minkejja nterpellat sabiex ihallas, il-konvenut naqas milli jottempera ruhhu ma' tali rikjesta. Is-sicjetajiet attrici ghalhekk talbu lit-Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fil-15 ta' Settembru, 1999, gewwa Triq Anrton Muscat Fenech, Qormi,

bejn il-vettura IAE 642 propjeta' tal-assigurat Charles Gatt Baldacchino u koperta mill-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni numru 049849-30/09, mahruga fl-1 ta' Otturbu, 1998, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

2. Jillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta' mitejn u tletin liri Maltin (Lm230.00) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dan it-Tribunal bl-opera ta' periti u esperti nominandi.
3. Jikkundanna lill-konvenut ihallas l-atturi Lloyds (Malta) Limited u Laferla Insurance Agency Limited u lill-imsemmija attur Charles Gatt Baldacchino is-somma ta' mija u disghin liri Maltin (Lm190.00) u s-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40.00) rispettivament jew somom verjuri illi jigu hekk likwidati minn dina l-Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult - ghaxar liri Maltin (Lm10.00), u tal-ittra bonarja tas-7 ta' Jannar, 2000 - erbgha liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm4.85), u tal-ittra ufficjali u nota ta' informazzjoni tas-16 ta' Frar - sbatax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm17.85), u bl-imghax legali mill-15 ta' Settembru, 1999, jew data ohra stabbilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti sad-data tal-apagement effettiv.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Francesco Depasquale li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lill-atturi, u ta' Mario Grech in kwantu jirrigwarda d-dinamika tal-incident mertu tal-kawza. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tal-15 ta' Settembru, 1999, u ghad-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' dan l-incident, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disghin liri Maltin (Lm190.00) u lill-attur Charles Gatt Baldacchino is-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40.00) rispettivament, bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR